**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 253/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**-vs-**

**Conrad Calleja, detentur tal-karta tal-identita` numru 344593M**

**Illum:** 29 t'April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Conrad Calleja u cioe` talli:

Nhar l-14 ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (05:30hrs) ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan:

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fuq l-ATM tal-ĦSBC għad-dannu tal-istess bank liema ħsara tammonta għall-valur li jkun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).

Il-Qorti ġiet mitluba titratta l-imputat bħala reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. nhar it-02 ta' Ottubru, 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-abbli difiza fit-trattazzjoni minn taghha tikkontendi li l-istqarrija tal-imputat li ttiehdet fit-28 ta' Marzu, 2018, ghandha tigi skartata u dan ghaliex fiha issir riferenza ghall-stqarrija ohra moghtija fiz-zmien meta l-imputat ma kienx nghata d-dritt li jkun assistit mill-legali tieghu waqt l-interrogatorju.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument <u>kemm il-darba</u> stqarrija li tista' tittiehed wara d-dhul fis-sehh tal-***Att LI tal-2016*** - li bih giet trasposta fid-dritt penali Malti d-***Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess***

***għal avukat fi proċeduri kriminali -*** tkun saret in konformita` mad-dettami ta' dak li jipprovdi l-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali.

Illi mill-qari tal-istqarrija in dezamina[1] ma jirrizulta bl-ebda mod li f'Marzu, 2018, l-imputat inghata d-dritt, b'mod elokwenti, li jkun assistit minn difensur tieghu fil-kors tal-istqarrija li kienet ser tittiehed. Fil-fehma tal-qorti, bil-mod kif tqieghed id-diskors li bih gie infurmat bid-drittijiet tieghu, l-imputat setgha gie zgwidat jahseb li bis-semplici fatt li fl-2014 kien ha parir minghand avukat qabel ma rrilaxxa l-ewwel stqarrija, ma kellux jedd jerga' jitlob li jkun assistit minn difensur fil-kors tat-tieni stqarrija.

Jerga' jigi zgwidat meta jissemma' li jekk jaghzel id-dritt li jkun assistit minn avukat *"tapplika r-regola tal-inferenza"*, liema regola - li kien jipprovdi ghaliha l-Artikolu 355AU tal-Kodici Kriminali - **ilha li giet abrogata** mid-dritt procedurali penali taghna sa mit-28 ta' Novembru, 2016, meta ddahhal fis-sehh l-***Att LI tal-2016*** bl-***Avviz Legali 401 tal-2016***.

Illi ghalhekk fuq skorta tad-decizjonijiet *inter alia* moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[2] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**,[3] kif ukoll dawk tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-**

---

[1] Fol.4-5

[2] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[3] 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

**Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et**[4] u **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[5] kwalunkwe dikjarazzjoni li saret mill-imputat mal-pulizija, galadarba nghatat minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tal-ghazla tieghu, ma ghandhiex aktar valur probatorju.

Illi fit-tieni lok, ix-xhieda ta' Charlotte Fabri tirrigwarda proceduri fil-konfront ta' terzi u mhux kif erronjament indikat fl-okkju. Din ix-xhieda ghalhekk qed tigi skartata.[6]

Ikkunsidrat,

Illi l-**Ispettur Elton Taliana** spjega kif il-Pulizija irceviet rapport minghand l-HSBC illi fl-14 ta' Dicembru, 2014, ghall habta tal-hamsa u nofs (5:30) ta' filghodu, fil-*footage* tal-ATM tal-bank fi Triq Santu Wistin, San Giljan, kien hemm persuna maskili li dehret taghti daqqiet mal-istess ATM u kkagunatilha hsarat. Din il-hsara kienet tammonta ghal erbat elef erba` mija sitta u sebghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€4,464.54c). Kompla li din ir-ragel ma kienx gibed flus mill-magna u ghaldaqstant ma kellhomx dettalji tieghu pero` mieghu deheret persuna ohra li gibdet flus mill-istess ATM.[7] Ghalhekk il-Pulizija kellmet lil dan il-persuna u minn

---

[4] (Sede Superjuri) Per Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, Agent President, Onor. Imhallef Abigail Lofaro u Onor. Imhallef Giovanni M Grixti; Appeal Nr: 14/2013/1, Deciza 3 t'April, 2019

[5] (Sede Inferjuri) Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

[6] Fol.47-48

[7] Fol.16

investigazzjonijiet ulterjuri rrizulta li il-persuna li kien maghha kien l-imputat.[8]

Illi **Charles Coleiro,** in rapprezentanza tal-HSBC, xehed kif wara li dahal rapport li l-ATM ta' hdejn l-Eden Superbowl kienet imkissra w intbghat *technician on site,* il-bank gie infurmat li l-magna kienet giet vandalizzata. L-istess rapport gie nvestigat mis-*security personnel* tal-bank li ezaminaw il-*footage* tal-camera tal-magna. Minn dan il-*footage* irrizulta li ghall-habta tal-hamsa u nofs (5:30am) ta' filghodu, dehru tlett (3) guvintur resqin lejn l-ATM u *"l-ewwel wiehed resaq lejha jidhirli li poggha l-card u jew ma taghtux flus xi haga jew ohra u beda jtiha bis-sieq, ta' warajh li kien mieghu jidher gibedt il-flus u minn hemmhekk ahna sirna nafu ghax min qieghed hawnhekk ma kellux il-kont maghna imma min gibedt warajh peress li kellu l-kont mal-HSBC stajna nkunu nafu min kien u ghamilna rapport abbazi ta' dan..... xi jumejn wara jew tlieta kont mort naghmel rapport l-Ghassa ta' San Giljan kont hadtilhom kopja tal-footage b'li qed jigri u hadtilhom xi ritratti stils li ghandi kopja taghhom hawn tal-Imputat."*[9] Illi kopja tar-rapport maghmul minn Coleiro, il-**Current Incident Report**, giet esebita mill-Ufficjal Prosekutur.[10]

Illi l-persuna li jirrizulta dehret fil-*footage* taghmel *cash withdrawal* kienet Justin Camilleri.[11]

---

[8] Fol.17
[9] Fol.19-20
[10] Fol.69
[11] **Dok. CC1** a fol.33

Illi giet prezentata ukoll *quotation* tal-hsara fl-ammont ta' €4,476.45 maruga minn Apco Ltd.[12]

Illi **Mark Anthony Cachia,** Technical Engineer ma' Apco Limited, xehed li l-kumpanija giet mgharrfa mill-HSBC li ATM kellha il-faccata mkissra. Spjega li l-*inspection* saret wara li *security guards* li jkunu qed jaghmlu r-ronda fuq il-magni, innutaw li kien hemm hsara fuq l-ATM ta' fejn l-Eden gewwa Paceville. Kienet saret *on site inspection* biex tigi ddeterminata x'kienet il-hsara.[13] Ix-xhud esebixxa *quotation* sabiex tissewwa l-hsara kif ukoll *history* ghas-sena 2014 tal-hsarat kollha li garbet din il-magna.[14] Ix-xhud ikkonferma li kienet saret spezzjoni minnu fuq l-istess magna nhar is-16 ta Dicembru, 2014, meta **sab l-iscreen u l-faccata tal-ATM mkissra** filwaqt li kkonferma illi lis-spejjez sabiex tissewwa tali hsara kienu jlahhqu **€4,476.45**. [15] Il-hsara kienet wasslet sabiex kien mehtieg ***"l-bdil tal-faccata li grat habba t-tkissir".***[16] Fil-fatt fl-ATM History,[17] esebit minnu, jirrizulta li meta saret l-ispezzjoni fis-16 ta' Dicembru, 2014, gie kkonstatat li kien hemm ***"Screen frame on facade broken"*** u bhala konsegwenza *"Replaced full front fascia due to vandalsim. Tested"*. Bhala *"Spares Replaced"* kien hemm *"Full Front fascia"* **indikata** fil-*quotation* esebita mill-istess xhud *"01750029087 Fascia Assembly €3,500.00"*.[18]

[12] **Dok. CC2** a fol. 34
[13] Fol.36-37
[14] Fol.37. Vide **Dok. MAC** a fol.40-41
[15] Fol.38
[16] Fol.37
[17] Fol.41
[18] Fol. 40

Ghalhekk gie ampjament ppruvat li dak li kellu jissewwa, u li nharget *quotation* dwaru, kien jikkorispondi mal-hsarat li gew ikkonstatati u msewwija minn Apco Ltd. wara li saret l-ispezzjoni fuq talba tal-HSBC.

Illi **Justin Camilleri** spjega li kien ilu habib tal-imputat minn meta kienu jattendu l-iskola sekondarja flimkien.[19] Ghalkemm fil-bidu x-xhud jaghti l-impressjoni li ma kienx jista' jiftakar dak li sehh fl-14 ta' Dicembru, 2014, wara li gie mwissi mill-Qorti dwar l-konsegwenzi ta' spergur, iddecieda li jaghti dettalji ta' dak li assista ghalih fil-jum imsemmi.[20]

***Justin Camilleri**: Mela l-bicca tal-bidu fil-verita' ghidtilek meta morna quddiem l-Eden Cinema, gbidt il-flus, smajt,* ***niftakru jaghti daqqa***
***Qorti**: Rajtu jaghti daqqa?*
***Justin Camilleri**: Iva*
***Qorti**: Ghalxiex qabad u taha daqqa?*
***Justin Camilleri**: Ma nafx*
***Qorti**: Imma inti kif rajtha l-moviment, x'rajt?*
***Justin Camilleri**: Xutt*
***Qorti**: Xutt b'saqajh?*
***Justin Camilleri**: Iva, jien gbidt il-flus ghax ma kontx f'sensija ghidtilkom*
***Qorti**: Imma rajtu jaghtiha xutt? Qal xi haga waqt li taha xutt?*
***Justin Camilleri**: Ma niftakarx issa vera*
***Qorti**: Pero'* ***rajtu jaghtiha xutt?***
***Justin Camilleri**: Iva*
***Qorti**: Int ma staqsejtux ghaliex ghamilt hekk?*
***Justin Camilleri**: Le, propja bqajt impressjonat ghax qatt ma rajtu jaghmel haga hekk*
***Qorti**: Out of character*
***Justin Camilleri**: Out of character ezatt*
***Spettur**: Issa bix-xutt xi gralha l-magna? Ara nghidlekx li sfrundat filfatt il-magna u tkissret?*
***Justin Camilleri**: Din ma niftakarhiex vera imma jien hadmitli l-magna jigifieri*

[19] Fol.73
[20] Fol.74-76

***Qorti**: Int wara uzajtha?*
***Justin Camilleri**: Iva wara… **Id-daqqa rajtha imma ma nafx fejn marret id-daqqa jien jekk ux fl-iscreen***
***Qorti**: Imma bis-sieq qed tghid?*
***Justin Camilleri: Nahseb iva, daqqa zgur***
***Qorti**: Rajtu jaghtiha daqqa, ma tafx jekk ux b'idejh jew b'saqajh?*
***Justin Camilleri**: Le miniex cert*[21]

Lejn l-ahhar tax-xhieda tieghu kkonferma li l-persuni li jidhru fl-*stills* esebiti mix-xhud Coleiro u li tnizzlu mill-*footage* tal-magna,[22] kienu juru lilu u lill-imputat.[23].

Ghandu jinghad li din ix-xhieda flimkien mal-*stills* mahruga mill-*footage* tal-magna, kienu determinanti ghas-sejbien ta' htija tal-imputat tent kont li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta l-*footage* li l-bank, tramite Coleiro, ghadda lill-pulizija! Bil-fatt wahdu li l-bank iddetermina li kien l-imputat li vvandaliiza il-magna, tali xhieda ma tista' qatt titqies bhala l-ahjar prova li kellha tingieb il-quddiem.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dustin Bugeja**:[24]

Il-Qorti moghnija bir-regoli illi tfasslu fil-kawza **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, ghandha linji gwida imfassla fil-kaz ta'l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie ukoll sottolinjat f'sentenza moghtija minn din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

---

[21] Fol.76-78
[22] **Dok. CC** a fol. 24-32
[23] Fol.78
[24] Onor.Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 25.02.2016; Appell Nru: 493/2013

"***First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***

***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.***

***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.***

***All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.***"

Dan ghaliex l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa' dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall-possibbilitajiet kollha ta' zball genwin illi ifisser allura illi min

hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni. [emfazi tal-Qorti].

Illi anke l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha okkazzjoni taghmel ezami *funditus* dwar il-linji gwida li ghandhom japplikaw meta jkun hemm identifikazzjoni ta' imputat/i maghmula minn xhieda:[25]

Illi l-Qorti ta' L-appell Kriminali kellha diversi okkazzjonijiet tesprimi ruhha dwar l-identifikazzjoni ta' persuna suspettat. Fis-sentenza mghotija fil-kawza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Massimo Caruso**[26], ghaddiet in rassenja il-gurisprudenza in tema u qalet hekk:

*Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li "Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg.*

*Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk: Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja. .... .... ....*

*Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-*

[25] Kump.1041/2014; **Il-Pulizija vs Stephen Zammit;** per Onor.Magistrat Dr. Doreen Clarke; Deciza 13.07.2017

[26] Deciza 17 ta' Marzu 2008.

*<u>identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni</u>. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn irregoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti.*

*....... ...... ......*

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs. Gill (1993) 65 A Crim R. 44: '… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

……..

*Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja identification parade". Hija qalet:*

*"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs Leading Steward Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu` o meno ta' l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';*

*M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ in R. vs Parks ((1961) I.W.L.R. 1484) 'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice' u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha in re Il-Maesta` Taghha r-Regina vs. Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati miscarriages of justice'".*
[emfazi tal-Qorti]

Illi l-abbli difiza tikkontendi li galadarba l-magna baqghet taghti flus ma tistax tirrizulta l-hsara vantata. Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument galadarba jirrizulta li dak li gie vandalizzat kien biss l-*screen* tal-ATM tant li kellha tinbiddel il-parti li fiha huwa *encased,* ossia il-*Full front fascia* kif inghad aktar il-fuq! Kien l-istess xhud Coleiro li spjega wkoll li wasslu ghall-imputat peress li persuna li kienet fil-kumpanija tieghu ghamlet

*withdrawal;* ma ppruvaw bl-ebda mod jostru dan il-fatt! Minn imkien ma jirrizulta li l-hsara kienet tali li l-magna waqfet tahdem.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest.

Illi giet esebita sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza fil-konfront tal-imputat nhar il-21 t'Ottubru, 2014.[27] Jirrizulta li l-*multa* hemm inflitta giet mhallsa f'Jannar, 2015.[28] Ghalhekk gie ampjament ippruvat li l-imputat sar recidiv.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat, tal-fatt li dan sehh fl-2014 u fejn il-kaz dam ma jitmexxa aktar il-quddiem minghajr ebda htija fl-imputat. Giet kkunsidrata l-fedina penali tal-imputat u tac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz u senjatament dak kkonstatat mill-Ufficjal tal-Probation fis-*Social Inquiry Report*.[29] Il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jibqa' jigi mghejjun jibqa' fit-triq tas-sewwa li qabad anke bil-ghan li jpatti ghall-hsara minnu kawzata bl-ghemil insensat tieghu.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 325(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' *probation* ghal perjodu

[27] **Dok. ETZ** a fol.44
[28] Fol.3
[29] **Dok. SF** a fol.50 et seq

ta' tlett (3) snin millum, u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lura lil parte leza s-somma ta' €4,476.45 millum b'pagamenti mensili ta' €125.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leza.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**